# Avviż ta' informazzjoni għall-pazjent dwar it-trasferiment elettroniku transfruntier tas-sommarju tal-pazjent

## IL-LUSSEMBURGU

Dan l-avviż ta' informazzjoni qiegħed jingħata b'konformità mal-obbligu stabbilit fir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*).
Dan l-avviż huwa maħsub biex jinforma liċ-ċittadini Ewropej, li taw il-kunsens tagħhom biex is-sommarju tal-pazjent tagħhom jiġi trasferit elettronikament lil professjonist tal-kura tas-saħħa fil-Lussemburgu, dwar l-iskop tal-ipproċessar tad-*data* personali tagħhom.

### 1. X'inhi l-Infrastruttura ta' Servizzi Diġitali tas-Saħħa?

Is-sommarju tal-pazjent huwa trasferit elettronikament permezz tal-Infrastruttura Ewropea ta' Servizzi Diġitali tas-Saħħa elettronika (eHDSI) imwaqqfa skont il-programm Ewropew "Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa" (CEF eHDSI), li jgħaqqad il-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali għas-Saħħa elettronika.
L-eHDSI hija sistema elettronika transfruntiera li toffri liċ-ċittadini Ewropej, li jagħtu l-kunsens tagħhom minn qabel, mezz sikur u sempliċi ta' trasferiment tad-*data* dwar is-saħħa tagħhom f'każ li dawn jiġu fi bżonn ta' trattament barra minn pajjiżhom: is-servizzi tal-eHDSI.

Id-*data* personali tiġi pprovduta b'mod elettroniku lill-professjonisti tal-kura tas-saħħa fil-pajjiżi tal-Unjoni Ewropea (UE) fejn l-individwu kkonċernat qiegħed jiġi ttrattat.

Id-*data* personali tiġi ttrasferita, ipproċessata u maħżuna skont il-liġi tal-pajjiż ta' trattament (ara d-dettalji fil-punt 6).

### 2. Kategoriji ta' *data* personali kkonċernati

Għat-trasferiment elettroniku transfruntier tas-sommarju tal-pazjent, jiġu pproċessati żewġ tipi ta' *data* personali:

- id-dettalji amministrattivi tal-pazjent, għall-finijiet ta' identifikazzjoni, u
- d-*data* dwar is-saħħa tal-pazjent kif tinsab fis-sommarju tal-pazjent li jkun qed jiġi trasferit.

Is-sommarju tal-pazjent ikopri d-*data* kollha li għandha x'taqsam mas-saħħa tal-pazjent, li tiġi trasferita għall-fini ta' kura u trattament mediku f'pajjiż ieħor.

Skont l-Artikolu 4 tal-GDPR, id-"*data* dwar is-saħħa" tkopri d-*data* personali relatata mas-saħħa fiżika jew mentali, inkluża l-provvista ta' servizzi tal-kura tas-saħħa, li tiżvela informazzjoni dwar is-saħħa tal-pazjent.

Is-sommarju tal-pazjent għalhekk jinkludi *data* essenzjali li tikkonċerna s-saħħa tal-pazjent, bħal allerġiji, medikazzjoni attwali, mard preċedenti u proċeduri kirurġiċi, kif ukoll informazzjoni rilevanti dwar il-perkors ta' kura, minħabba li din l-informazzjoni hija meħtieġa biex jiġi żgurat it-trattament xieraq tal-pazjent barra mill-pajjiż.

### 3. X'inhi l-bażi legali għall-użu tad-*data* personali tiegħek?

Id-*data* personali tiegħek tiġi ttrasferita, ipproċessata u maħżuna skont

- id-dispożizzjonijiet tal-GDPR, id-Direttiva 2011/24/UE dwar l-applikazzjoni tad-drittijiet tal-pazjenti fil-qasam tal-kura tas-saħħa transfruntiera,
- l-Att tal-24 ta' Lulju 2014 dwar id-drittijiet u l-obbligi tal-pazjenti fil-Lussemburgu,
- il-ftehim bejn l-Istati Membri tal-UE dwar il-parteċipazzjoni fil-programm Ewropew "Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa" (CEF) eHDSI, u
- il-Ftehim bejn l-Awtoritajiet Nazzjonali jew l-Organizzazzjonijiet Nazzjonali responsabbli għall-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali għas-Saħħa elettronika dwar il-Kriterji meħtieġa għall-parteċipazzjoni f'Servizzi ta' Informazzjoni Transfruntieri tas-Saħħa elettronika, li jaħtar l-Aġenzija tas-Saħħa elettronika bħala l-Punt ta' Kuntatt Nazzjonali tal-Lussemburgu għas-Saħħa elettronika.

Fl-aħħar, skont l-Artikoli 6 u 7 tal-GDPR, is-servizzi tal-eHDSI se jkunu disponibbli biss bil-**<u>kunsens espliċitu tiegħek minn qabel</u>**.

Jekk ma tagħtix il-kunsens espliċitu tiegħek qabel ma tivvjaġġa jew qabel ma tingħata l-kura tiegħek fil-Lussemburgu, id-*data* tiegħek mhux se tkun disponibbli permezz tal-eHDSI, lanqas f'każ ta' emerġenza.

### 4. X'inhu l-għan tal-ipproċessar tad-*data* personali tiegħek?

Id-*data* dwar is-saħħa tiegħek se tintuża biss sabiex inti tingħata l-kura tas-saħħa, jiġifieri bħala parti mit-trattament tiegħek minn professjonisti tal-kura tas-saħħa (tobba/infermiera) fil-Lussemburgu.

Fil-Lussemburgu, id-*data* dwar is-saħħa li tinsab fis-sommarju tal-pazjent tiegħek ma tiġi fl-ebda ħin ipproċessata għall-fini ta' riċerka jew statistika.

Id-*data* amministrattiva għall-identifikazzjoni tiegħek hija l-unika *data*, ipproċessata b'mod anonimu, li se tintuża għall-fini ta' ġbir ta' statistika, b'mod aktar speċifiku, statistika kwantitattiva dwar l-għadd ta' trasferimenti elettroniċi transfruntiera mwettqa.

### 5. Min jipproċessa u jkollu aċċess għad-*data* tiegħek? (min se jirċievi d-*data* personali)

Id-*data* dwar is-saħħa li tinsab fis-sommarju tal-pazjent se tkun aċċessibbli biss għall-

professjonisti tas-saħħa awtorizzati fil-Lussemburgu (tobba/infermiera) li huma involuti fil-kura tiegħek u huma marbuta bl-obbligu tas-segretezza professjonali.

L-Aġenzija tas-Saħħa elettronika, bħala l-Punt ta' Kuntatt Nazzjonali għas-Saħħa elettronika, għandha aċċess biss għad-*data* amministrattiva marbuta mal-identifikazzjoni tiegħek, li trid tiġi vverifikata mill-professjonist tas-saħħa tal-Lussemburgu bħala parti mit-talba għas-sommarju tal-pazjent.

Kull pajjiż li jippermetti li tiġi pprovduta kura taħt is-CEF eHDSI għandu fir-responsabbiltà tiegħu li jiżgura li l-professjonisti tal-kura tas-saħħa u l-fornituri tal-kura tas-saħħa fit-territorju tiegħu jkollhom l-informazzjoni u t-taħriġ kollha meħtieġa biex iwettqu l-kompiti tagħhom u jissodisfaw l-obbligi tagħhom relatati mas-servizzi tal-eHDSI, u b'mod partikolari li jissodisfaw l-obbligu ta' informazzjoni dwar il-pazjent skont l-Artikolu 13 tal-GDPR.

Għal aktar dettalji dwar il-pajjiżi parteċipanti, jekk jogħġbok ikkonsulta l-websajt tal-Aġenzija tas-Saħħa elettronika (www.esante.lu).

Fl-aħħar, id-*data* dwar is-saħħa fis-sommarju tal-pazjent se tiġi ttrasferita permezz ta' gateway sikur ipprovdut mill-pajjiżi parteċipanti fis-CEF eHDSI bħala l-Punt ta' Kuntatt Nazzjonali għas-Saħħa elettronika.

## 6. Fejn u għal kemm żmien tinħażen id-*data* personali?

F'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Att tal-24 ta' Lulju 2014 dwar id-drittijiet u l-obbligi tal-pazjenti fil-Lussemburgu, id-*data* fis-sommarju tal-pazjent tinħażen għal perjodu massimu ta' 10 snin fis-sistemi ta' informazzjoni tal-professjonisti tal-kura tas-saħħa fil-Lussemburgu li jeżerċitaw l-attivitajiet tagħhom indipendentement jew fi ħdan istituzzjoni.

## 7. Id-drittijiet ta' aċċess tiegħek

Jekk taqbel li d-*data* personali tiegħek, li tinġabar fil-kuntest tal-kura tiegħek fil-Lussemburgu, tiġi pproċessata għall-finijiet tas-servizzi tal-eHDSI, tista':

- teżerċita d-dritt tiegħek li taċċessa d-*data* tiegħek;
- titlob ir-rettifika ta' kwalunkwe *data* mhux preċiża f'konformità mal-Artikolu 16 tal-GDPR;
- fuq talba, tikseb it-tħassir tad-*data* tiegħek skont l-Artikolu 17 tal-GDPR;
- toġġezzjona l-ipproċessar tad-*data* tiegħek skont l-Artikolu 21 tal-GDPR;
- tirtira l-kunsens tiegħek fi kwalunkwe ħin

billi tibgħat talba direttament lill-professjonisti tal-kura tas-saħħa li jipprovdu l-kura tiegħek fil-Lussemburgu jew, inkella, lill-unità tal-protezzjoni tad-*data* tal-Aġenzija, permezz tal-indirizz elettroniku: privacy@esante.lu.

Kif diġà ġie indikat fil-punt 3 hawn fuq: jekk ma tagħtix il-kunsens espliċitu tiegħek għall-ipproċessar tad-*data* personali tiegħek, fil-kuntest tas-servizzi tal-eHDSI, qabel ma tivvjaġġa jew qabel ma tingħata l-kura tiegħek fil-Lussemburgu, id-*data* tiegħek mhux se tkun disponibbli għall-professjonisti tal-kura tas-saħħa li jistgħu jipprovdulek il-kura, lanqas f'każ ta' emerġenza.

**Kuntatt:**

**Punt ta' Kuntatt Nazzjonali għas-Saħħa elettronika**
Agence eSanté Luxembourg G.I.E. (eHealth Agency)
*Agence nationale des informations partagées dans le domaine de la santé* (aġenzija nazzjonali għal informazzjoni kondiviża dwar is-saħħa)
B.P. 2511 L-1025 Luxembourg
IL-LUSSEMBURGU

Numru tat-telefown: (+352) 2712 5008 1 Fax: (+352) 2712 5230 21
Indirizz elettroniku: info@agence-esante.lu

**Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-*Data* tal-Aġenzija tas-Saħħa elettronika**

L-Aġenzija tas-Saħħa elettronika għandha Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-*Data* li r-rwol tiegħu huwa li jiżgura li d-*data* personali tiġi pproċessata skont id-dispożizzjonijiet regolatorji rilevanti.

Huwa dan l-Uffiċjal li jirċievi t-talbiet kollha mis-suġġetti tad-*data* biex jeżerċitaw d-drittijiet tagħhom, kif ukoll it-talbiet u l-ilmenti kollha.

L-uffiċjal jista' jiġi kkuntattjat bil-posta fl-indirizz tal-Aġenzija tas-Saħħa elettronika msemmija hawn fuq (għall-attenzjoni tal-unità tal-protezzjoni tad-*data*) jew bil-posta elettronika fl-indirizz li ġej: privacy@esante.lu

Tinħareġ konferma tar-riċevuta tat-talba, u d-*data* kollha skambjata f'dan il-qafas tkun protetta bħala korrispondenza privata.

**Awtorità ta' Sorveljanza tal-Lussemburgu**

Kummissjoni Nazzjonali għall-Protezzjoni tad-*Data* (CNPD)
1, avenue du Rock'n'Roll
L-4361 Esch-sur-Alzette
Numru tat-telefown: (+352) 26 10 60 - 1
Faks: (+352) 26 10 60 - 29